**Dispożittiv**

1) *L-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 661/2008, tat-8 ta' Lulju 2008, li jimponi dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja wara verifika ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) u reviżjoni interim parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, għandu jiġi interpretat fis-sens li kumpannija stabbilita fi Stat Membru li xtrat nitrat tal-ammonju li joriġina mir-Russja permezz ta' kumpannija oħra stabbilita wkoll fi Stat Membru, bil-għan tal-importazzjoni tiegħu fl-Unjoni Ewropea, ma tistax titqies bħala l-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni Ewropea, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u għaldaqstant ma tistax tibbenefika mill-eżenzjoni mid-dazju antidumping definittiv stabbilit mir-Regolament Nru 661/2008 għal dan in-nitrat tal-ammonju.*

2) *L-Artikoli 66 u 220(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006, tal-20 ta' Novembru 2006, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux li awtorità doganali iddaħħal entrata fil-kotba a posteriori ta' dazju antidumping meta, bħal fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, tressqu talbiet għall-invalidazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali minħabba li l-indikazzjoni tad-destinatarju msemmija fihom kienet żbaljata u meta din l-awtorità aċċettat dawn id-dikjarazzjonijiet jew wettqet verifika wara li rċeviet dawn it-talbiet.*

3) *L-Artikolu 66 tar-Regolament Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament Nru 1791/2006, u l-Artikolu 251 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 312/2009, tas-16 ta' April 2009, huma konformi mad-dritt fundamentali għal ugwaljanza f'għajnejn il-liġi stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-każ fejn, fil-kuntest tat-tariffa doganali komuni msemmija fl-Artikoli 28 TFUE u 31 TFUE, dawn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament Nru 1791/2006, u tar-Regolament Nru 2454/93, kif emendat bir-Regolament Nru 312/2009, ma jippermettux l-invalidazzjoni, fuq talba, ta' dikjarazzjoni doganali żbaljata u għaldaqstant l-għoti tal-benefiċċju tal-eżenzjoni mid-dazju antidumping lid-destinatarju li seta' jibbenefika minnu kieku dan l-iżball ma sarx.*

(1) ĠU C 63, 02.03.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-17 ta' Settembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Förvaltningsrätten i Stockholm – l-Isvezja) – Skandia America Corporation (USA), filial Sverige vs Skatteverket**

**(Kawża C-7/13)** (1)

***Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Grupp VAT — Fatturazzjoni interna għas-servizzi pprovduti minn kumpannija prinċipali li għandha s-sede tagħha f'pajjiż terz lil fergħa tagħha li tappartjeni għal grupp VAT fi Stat Membru — Natura taxxabbli tas-servizzi pprovduti***

(2014/C 421/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

**Qorti tar-rinviju**

Förvaltningsrätten i Stockholm

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Skandia America Corporation (USA), filial Sverige

*Konvenut:* Skatteverket

**Dispożittiv**

1) *L-Artikoli 2(1), 9 u 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-prestazzjonijiet ta' servizzi pprovduti minn stabbiliment prinċipali stabbilit f'pajjiż terz ta' fergħa stabbilita fi Stat Membru jikkostitwixxu tranżazzjonijiet taxxabbli meta din tal-aħħar tkun membru ta' grupp ta' persuni li jistgħu jitqiesu li huma persuna taxxabbli waħda suġġetta għat-taxxa fuq il-valur miżjud.*

2) *L-Artikolu 56, 193 u 196 tad-Direttiva 2006/112 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali fejn l-istabbiliment prinċipali ta' kumpannija li tinsab f'pajjiż terz tipprovdi servizzi bi ħlas lil fergħa tal-istess kumpannija stabbilita fi Stat Membru u fejn l-imsemmija fergħa hija membru ta' grupp ta' persuni li jistgħu jitqiesu li huma persuna taxxabbli waħda suġġetta għat-taxxa fuq il-valur miżjud f'dan l-Istat Membru, dan il-grupp VAT, bħala xerrej tal-imsemmija servizzi, jsir responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud eżiġibbli.*

(1) ĠU C 55, 23.02.2013

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-2 ta' Ottubru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesverwaltungsgericht – il-Ġermanja) – Martin Grund vs Landesamt für Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein**

**(Kawża C-47/13)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika agrikola komuni — Regoli komuni għall-iskemi ta' appoġġ dirett — Skema ta' pagament uniku — Kunċett ta' "mergħa permanenti" — Art li tintuża għat-tkabbir ta' ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix li ma tagħmilx parti mir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba tal-azjenda sa mill-inqas ħames snin — Art maħruta u miżrugħa matul dan il-perijodu b'tip ta' għalf fil-forma ta' ħaxix li ma huwiex dak li kien imkabbar fuq din l-art preċedentement)***

(2014/C 421/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Martin Grund

*Konvenut:* Landesamt für Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein

**Dispożittiv**

*Id-definizzjoni ta' "mergħa permanenti" mogħtija fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009, tad-29 ta' Ottubru 2009, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tkopri art agrikola li bħalissa u għal ħames snin jew iktar ilha tintuża sabiex jitkabbar ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix, minkejja li matul dan il-perijodu, din l-art kienet maħruta u miżrugħa b'varjetà ta' għalf fil-forma ta' ħaxix li ma hijiex dik li kienet imkabbra hemm preċedentement.*

(1) ĠU C 108, 13.04.2013.